# Il-Furjaniżi u d-dagħa fl-isfond tat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni matul is-Seklu 18

Kitba ta' Anthony Camenzuli

Fost il-Furjaniżi li ġew akkużati quddiem l-Inkwiżizzjoni, bosta kienu fuq dagħa. Dan juri kemm dan id-dnub minn dejjem kien preżenti f'pajjiżna. Minn xi studji li saru, naraw kemm tassew it-theddida tad-dagħa kienet serja f'Malta. Bejn is-snin 1634 u 1639, in-nies akkużati fuq dagħa jew fuq kliem ta' natura eretikali kien jammonta għal 9% tal-akkużati kollha li ttellgħu quddiem l-Inkwiżitur f'dak il-perjodu. Fis-snin 1677-8, 1700-10 u 1718-20 dan l-ammont kompla jikber għal 16%, 23% u 35% rispettivament. Dan il-persentaġġ naqas ftit bejn is-snin 1767-1798: 27%, però hawnhekk irridu ngħidu li l-Inkwiżizzjoni kienet diġà qabdet it-triq tan-niżla.[1]



*Inkwiżizzjoni Rumana*

Iżda niżbaljaw jekk naħsbu li l-preżenza kontinwa tad-dagħa kienet xi fenomenu preżenti biss ġewwa l-Furjana jew pajjiżna. Xejn minn dan, għaliex insibu li l-istoriku Henry Kamen isostni li...*l-biċċa l-kbira tal-kawżi quddiem l-Inkwiżizzjoni Spanjola kienu kontra nies akkużati li tkellmu ħażin jew dgħaw.*[2] Fil-prattika, l-Inkwiżizzjoni Spanjola kienet aktar iebsa minn dik Rumana kontra l-akkużati li nstabu ħatja ta' dagħa, u fl-opinjoni tagħha, id-dagħaj kien anke ħati li ddisturba l-paċi pubblika. Iż-żewġ tipi ta' Inkwiżizzjonijiet li semmejna kienu jisħqu biex ikun hawn aktar rispett lejn dak li hu Sagru. F'dan il-kuntest, id-dagħa u n-nuqqas ta' rispett lejn is-Sagru kienu meqjusa bħala offiżi pubbliċi u diretti lejn Alla, u għalhekk il-Knisja, permezz tal-Inkwiżitur, kellha kull dritt tikkastigaw lil kull min kien ħati ta' dan l-għemil. Fi Spanja, minbarra l-Inkwiżizzjoni, anke l-Istat kien jikkastiga bl-aħrax lil dawk ħatja ta' dan id-dnub.[3]

Skont l-istatistika li nsibu tal-każijiet kriminali tal-Inkwiżizzjoni ġewwa pajjiżna, l-aktar li kienu jidgħu kienu l-irġiel, speċjalment dawk li kienu ġejjin mill-klassi l-baxxa tas-soċjetà, bħall-ħabsin, il-ħabsin tax-xwieni, il-baħħara, il-*buonavoglia*,[4] il-kursara u s-suldati. Iżda ma' dawn u fost dawn, wieħed kien isib numru kbir ta' rġiel miżżewġa.[5] Ġeneralment il-Kavallieri ma kinux jidgħu imma ġieli kienu akkużati talli għamlu xi stqarrija ta' natura eretikali. Fra Marc'Antonio De Mons, Kavallier Franċiż tal-Ordni ta' San Ġwann ta' 45 sena, li kien residenti

---

[1] A. Camenzuli, 'Maltese Social and Cultural Values in Perspective: Confessions, accusations and the Inquisition Tribunal, 1771-1798' (Unpublished M.A. dissertation, University of Malta 1999), 45.

[2] Henry Kamen, *The Spanish Inquisition : a historical revision* (London 2000), 40.

[3] Ibid, 260-2.

[4] Il-*Buonavoglia* kienu qaddiefa volontarja li kienu jagħżlu li jaqdfu fuq ix-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann sabiex jifdu xi djun li kien ikollhom.

[5] A. Camenzuli, 'Maltese Social and Cultural Values', 136.

ġewwa l-Furjana, kien akkużat li stqarr li s-sess u s-sodomija ma kenux dnub u ma jagħmlu ħsara lil ħadd. Hawnhekk l-Inkwiżitur però ma ħa l-ebda passi kontra dan il-Kavallier.[6]

Ġewwa l-Furjana, bħal fl-ibliet u fl-irħula l-oħra, id-dagħa sfortunatament kien pjaga frekwenti. Kienu bosta l-Furjaniżi li ġew akkużati fuq dagħa quddiem l-Inkwiżizzjoni. Però ma' dawn wieħed irid jgħid li ħafna Furjaniżi oħra, ta' kuxjenza nisranija, ma beżgħux jiddenunzjaw lil sħabhom, lill-ġirien u saħansitra anke lil qrabathom stess fuq dagħa jew kliem eretikali. Dan forsi setgħu għamluh f'sens ta' ħniena, iżda jista' jkun li kien hemm ukoll min ħassu mweġġa' spiritwalment u għalhekk mar quddiem l-Inkwiżitur.

F'Malta, il-logħob tal-ażżard kien l-aktar li joffri sitwazzjonijiet soċjali mimlija tensjoni u ansjetà, fejn wieħed faċilment kien jisma' kliem ħażin ta' kull xorta li kien immirat biex ikasbar 'l Alla. Anke f'litiġji u ġlied bejn tnejn min-nies jew aktar id-dagħa kien prominenti ġewwa pajjiżna. Fil-fatt, f'sitwazzjonijiet bħal dawn, xi ħadd mill-ġellieda spiss kien juża d-dagħa bħala mezz insultiv biex iħeġġeġ lill-għadu tiegħu jiġġilidlu. Spiridiano Suda, Furjaniż ta' 20 sena, imlaqqam "ta' Gellel", u li kien jaħdem bħala bejjiegħ fit-toroq tal-Belt, kien akkużat minn diversi nies li waqt il-logħob tal-ażżard kien jinfexx jidgħi kontra l-Qaddisin, u kontra l-Ewkaristija. Darba minnhom Ġużeppi Zammit, li kien jieħu ħsieb il-logħob tal-ażżard, meta semgħu jidgħi, tah daqqa ta' ponn fuq imnieħru u keċċieh 'il barra. Rigward dawn l-akkużi l-Inkwiżitur ta ċanfira qawwija lil Spiridiano Suda.[7]

Skont il-liġi Inkwiżitorjali, id-dagħa kien assoċjat mad-dnub kbir tal-ereżija, għaliex kull kelma jew frażi li kienet tiċħad, tmaqdar jew teħodha kontra l-fidi nisranija, kienet meqjusa bħala vjolazzjoni tat-twemmin Kattoliku jew reliġjuż.[8] Salvatore, bejjiegħ Furjaniż tad-drapp u tal-imkatar, kien akkużat li darba qal li Alla ma jistax jagħmel imkatar sbieħ daqs tiegħu. Għalkemm din ma kinitx dagħwa, bosta nies ħassew li d-diskors ta' Salvatore kien imur kontra l-fidi nisranija għax kien qiegħed iżeblaħ lil Alla.[9] Ġeneralment id-dagħa f'Malta, kien jolqot direttament strumenti qawwija bħar-reliġjon, is-sess, u n-nazzjonalità, fejn ħafna drabi dan kien iħallat u jgħaqqad flimkien xejriet varji, l-aktar dawk vjolenti, skandalużi u xi drabi anke umoristiċi. L-aktar karatteristika li kienet tispikka fid-dagħa hija l-konverġenza tas-Sagru mal-profan.[10]

Id-dagħa kien qisu wkoll l-att estrem ta' insult mill-bnedmin – esseri inferjuri – lejn l-esseri superjuri: il-Qaddisin u b'mod partikolari Alla. Salvatore, imlaqqam "Galilea", li kien residenti fid-Dar tal-Invalidi ġewwa l-Furjana, kien dagħa kontra Ġesù Kristu hekk kif kien milqut minn ġebla li waddablu żagħżugħ.[11] Furjaniż ieħor bl-isem ta' Gaetano, imlaqqam "il-Brieret", *buonavoglia* fuq ix-xini *Capitana* tal-Ordni ta' San Ġwann, spiss kien jidgħi kontra l-Qaddis tiegħu stess.[12] Mela għalhekk, id-dagħa kien qisu ċaħda tal-qdusija ta' Alla, rifjut tal-ħidma tas-salvazzjoni tiegħu, u tkeċċija tal-grazzja ta' Alla u defamazzjoni lejn il-karattru tal-Missier. Id-dagħa ma kien xejn għajr forma ta' ribelljoni kontra Alla u dak li hu tajjeb; kif ukoll nuqqas ta' rispett lejn l-istess Alla u dak li huwa maħluq minnu. Fi kliem ieħor, il-bniedem li jidgħi, ma kienx qiegħed jaċċetta ċ-ċirkostanzi li jseħħu f'ħajtu, għaliex l-imġiba tiegħu tfisser ribelljoni kontra Alla, Dak li tah u ħalaq il-ħajja.[13] Kien f'dan is-sens li Gaetano Monreal, għalkemm kien meqjus bħala raġel twajjeb, infexx jidgħi kontra l-Ewkaristija hekk kif safa mkeċċi mix-xogħol tiegħu ta' baħri.[14] Biss min-naħa l-oħra, id-dagħa spontanju li kien jitlissen, kien juri

[6] AIM Crim. Proc., vol. 131B , case 121, ff. 384-5.
[7] Id., vol. 133A, case 272, ff. 226-9.
[8] AIM Miscellania 2, *Pratica Per Procedere nelle Cause del Sant'Offizio*, passim.
[9] Id., Crim. Proc., vol. 136B, case 96, ff. 629-30.
[10] G. Hughes, *Swearing : a social history of foul language, oaths and profanity in English* (Oxford 1991), passim; A. Camenzuli, 'Maltese Social and Cultural Values', 137.
[11] AIM Crim. Proc., vol. 140, case 276, ff. 29-30.
[12] Id., vol. 133B , case 357, ff. 681-2.
[13] P. Burke, *The Historical Anthropology of early Modern Italy* (Cambridge 1987), 100; T. Peters, *Sin, radical evil in soul and society* (Michigan 1994), 217-9; M. Flynn, 'Blasphemy and the play of anger in Sixteenth-century Spain', *Past and Present*, 149 (1995), 31-2; A. Camenzuli, 'Maltese Social and Cultural Values', 138.
[14] AIM Crim. Proc., vol. 138, case 217, ff. 163-4.

l-vera relazzjoni intima li għandu l-bniedem mas-Sagru, għaliex permezz tad-dagħa, is-sentiment veru ta' ruħna kien jinkixef.

Quddiem l-Inkwiżizzjoni Rumana, ix-xhieda tal-każijiet fuq dagħa kienu jiġu mitluba jgħidu l-kliem eżatt li kienu semgħu minn fomm il-ħatja. Dan kien isir biex l-Inkwiżitur jistudja sewwa u bis-serjetà l-offiżi kontra Alla. Ta' min jirrimarka li spiss l-Inkwiżizzjoni naqset li tagħmel distinzjoni bejn il-kelma ħażina li kienet tkun intqalet u l-intenzjoni jew iċ-ċirkostanzi li seħħew warajha. Mhux l-ewwel darba li nsibu każijiet fejn ċerti akkużati dgħaw minħabba li kienu taħt stress psiko-fiżiku jew emozzjonali u sabu ruħhom f'att ta' disperazzjoni,[15] u kaġun ta' hekk dgħaw. Tommaso Borg, Furjaniż li kien kursar fuq ix-xwieni tal-Kavallieri, waqt tilwima kbira ma' wieħed Grieg, kien akkużat li nfexx jidgħi u jinsulenta r-Reliġjon Ortodossa tal-Griegi. Però hawn kien jidher ċar li Tommaso ma kienx jaf x'inhu jgħid u l-Inkwiżizzjoni hawnhekk tatu twissija qawwija sabiex ma jerġax.[16]



L-Awla tat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni f'Malta

Li hu żgur huwa li skont it-twemmin nisrani, id-dagħa huwa meqjus bħala dnub mejjet meta wieħed ikun konxju tal-kontenut tal-kliem li qal, jiġifieri meta jkun jaf li l-kliem li lissen huma dispett lejn Alla u s-Sagru. Studjuż fuq is-soċjoloġija tad-dagħa, A. Montagu jgħid li *d-dagħa jista' jkun forma ta' reazzjoni kontra l-frustrazzjoni. F'dan is-sens, id-dagħa jista' jfisser sura ta' mġiba kulturali kkundizzjonata li sservi żewġ skopijiet: l-ewwel nett li tippermetti li l-enerġija eċċessiva kaġun ta' frustrazzjoni toħroġ u titfisser f'tip ta' aggressjoni verbali; u t-tieni, li terġa' ġġib il-bilanċ tal-moħħ tal-vittma ta' din il-frustrazzjoni lura f'postu.*[17] F'dan l-isfond, ħafna mid-dagħa f'Malta kien ikkunsidrat bħala tip ta' mġiba li ssostitwiet il-vjolenza fiżika.[18]

Ta' min jinnota li l-vokabularju tad-dagħa kien wiesa' ħafna u bosta drabi kemm Alla, il-qaddisin, kif ukoll ix-xitan jew ix-xjaten, kienu kontinwament jitlissnu, ġieli anke lkoll fl-istess frażi.[19] Din hija xhieda li d-dagħajja kienu qed jipproklamaw l-eżistenza tat-tajjeb u l-ħażin, tal-forzi sopranaturali, li jimplika li dawn kienu jqisu destinhom bħala deċiżjoni li ġejja minn forzi superjuri fl-Univers.[20] Min-naħa l-oħra, insibu li ġeneralment id-dagħaj kien jagħmel l-akbar enfasi tad-dagħwa tiegħu fuq l-aħħar kelma mlissna. Wara tilwima kbira bejn żewġ Furjaniżi, Michele Vella u Filippo Caruana, tal-ewwel spiċċa joffendi lil tal-aħħar bil-qaddis u bil-fidi tiegħu talli bi żball dan waqqa' l-ħaxix ħażin li kien qed jaqta' mis-siġar tal-ġnien tiegħu fuq il-pjanti li kienu jinsabu fil-ġnien ta' Michele, li kienu maġenbu.[21] F'dan il-każ l-enfasi tad-dagħa kien kollu fuq l-aħħar kelma mlissna.

Naraw ukoll kif kelmiet ta' natura sesswali użati fid-dagħa kienu u huma meqjusa oxxeni għaliex jirreferu lejn aspett tal-ħajja li minn dejjem kien meqjus *ob caenum*, jiġifieri moqżież. Id-dnub u s-sess ġew tant imħabbla u relatati ma' xulxin, li d-dagħaj li kien jagħmel ukoll użu minn kliem ta' din ix-xorta, kien ikun qiegħed aktar jiggrava d-dnub tiegħu. Dan għaliex issa d-dnub ma baqax biss ta' natura sagrilega iżda

[15] A. Camenzuli, 'Maltese Social and Cultural Values', 139.

[16] AIM Crim. Proc., vol. 134B , case 125, ff. 580-5.

[17] A. Montagu, *The anatomy of swearing* (London 1968), 78.

[18] A. Camenzuli, 'Maltese Social and Cultural Values', 140.

[19] Ibid, 141; M. Flynn, 49-50.

[20] L. Febvre, *The Problem of unbelief in the Sixteenth Century: the religion of Rabelais*, trans. B. Gottlieb (Cambridge 1982), 340.

[21] AIM Crim. Proc., vol. 136A, case 29, ff. 238-241.

sar ukoll ta' natura skatoloġika.[22]



Ċella tal-Ħabsin ġewwa l-Palazz tal-Inkwiżitur

Fost dawk il-Furjaniżi li dehru quddiem l-Inkwiżitur fuq dagħa, insibu lil Lorenzo Galea, li kien avukat.[23] Dan kien akkużat minn żewġ nisa miżżewġin Furjaniżi, Diana Refalo ta' 28 sena, u Rosa Spiteri, ta' 22 sena. Dawn in-nisa stqarru li Lorenzo Galea kellu l-vizzju tad-dagħa, u li għal diversi snin kien jidgħi għal kull ħaġa ta' xejn. Huwa kien jidgħi l-iktar kontra l-qaddisin, tant li l-ġirien tiegħu kienu lkoll skandalizzati u mdejqin bih. Diana Refalo ukoll irrimarkat li ħu Lorenzo kien spiċċa mgħallaq talli nqabad jisraq salib mill-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ.[24] Każ ieħor juri li ċertu Ġużeppi, mlaqqam 'Gilip', għalkemm kien ta' età żgħira, spiss kien jidgħi kontra l-Qaddisin, kontra Alla, kontra l-Madonna, u anke kontra l-Ewkaristija.[25]

Spiss insibu wkoll li xi Furjaniżi akkużaw lilhom infushom minn jeddhom, ġeneralment wara xi qrara tajba jew ċanfira mingħand xi ħadd. Michele Gauċi ta' 22 sena, li kien jaħdem fl-industrija tal-qoton, akkuża lilu nnifsu li wara li kellu xi jgħid ma' Tommaso Żammit, qabad joffendih bil-qaddis tiegħu. L-Inkwiżitur hawnhekk ċanfar sew lil Gauċi u wissieh biex ma jerġax.[26] Fortunato Refalo, imlaqqam "iċ-Ċatt", ta' 21 sena, stqarr li waqt xogħlu ta' qaddej fuq ix-xwieni tal-Kursar Micallef spiss waqa' mit-taraġ tal-bastiment hekk kif kien qiegħed iniżżel ftit lumi u zokkor li kien jordnalu l-qassis missjunarju Fra Salvatore Tagliaferro. Peress li meta waqa' spiss weġġa', Fortunato ammetta li kien jinfexx jidgħi kontra l-Qaddis tal-qassis.[27]

Iżda l-ikbar każ fuq dagħa kien ta' Feliċe Micallef, imlaqqam "Il-Papa" li kien Furjaniż. Feliċe kien qatta' diversi snin bħala *buonavoglia* fuq ix-xwieni tal-Kavallieri tal-Ordni u nafu wkoll li kien miżżewweġ lil Katarina, imlaqqma "ta' Sungiar". Mid-dehra dan Feliċe Micallef kellu wkoll reputazzjoni li kien vagabond. Feliċe Micallef ġie akkużat fil-15 ta' Jannar tal-1793. L-akkuża kontrih kienet dejjem fuq dagħa, kif ukoll li kellu mġiba ħażina, li għadda xi rimarki ta' natura eretikali, li invoka isem ix-xitan u li anke għamel użu minn maġija għal skop ħażin. L-Inkwiżitur hawnhekk arrestah fid-9 ta' Mejju tal-1794, fejn dam arrestat sat-12 t'Awwissu tal-istess sena. Wara li nħeles mill-ħabs, l-Inkwiżitur ordna sabiex josservaw l-imġiba tiegħu, imma l-Ministri tiegħu infurmawh li din kienet ħaġa tassew diffiċli peress li Feliċe Micallef kien jgħix ħajja ta' vagabond.[28]

Kienet it-tifla tiegħu Maria Barra, mara ta 34 sena u miżżewġa lil Franġisku, imlaqqma "ta' Patri Frendu", li akkużatu l-ewwel darba. Din stqarret li missierha kien bniedem ta' mġiba ħażina ħafna u li kien spiss jidgħi kontra l-Madonna, kontra Alla, kontra l-qaddisin, kontra l-Papa u anke kontra l-Kappillan li żewġu. Maria stqarret li hi dejjem beżgħat takkuża lil missierha għaliex kienet tibża' li jekk isir jaf kien itiha daqqa ta' sikkina żgur.[29] Min-naħa l-oħra, Katarina Micallef, il-mara ta' Feliċe, stqarret li hi kienet ilha 29 sena separata minnu u li żewġha kien bniedem ta' mġiba mill-agħar. Qabel inqafel fil-ħabs, Feliċe Micallef ittella' quddiem l-Inkwiżitur u ammetta li kien jisker

[22] A. Montagu, 301; A. Camenzuli, 'Maltese Social and Cultural Values', 143.

[23] AIM Crim. Proc., vol. 132A, case 82, ff. 380-5.

[24] Ibid.

[25] AIM Crim. Proc., vol. 141, case 22, ff. 214-5.

[26] Id., vol. 134A, case 73, ff. 330-1.

[27] Id., vol. 139, case 241, ff. 96-7.

[28] Id., vol. 136B, case 101, ff. 643-55.

[29] Ibid.

kuljum u li kien iġib ruħu ħażin tant li qatt ma kien iqerr u anqas jitqarben wara li kien issepara minn ma' martu.[30]

Kif rajna f'dawn il-każijiet, id-dagħa ma kien xejn għajr nuqqas ta' qima lejn is-Sagru. Veru li wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn dagħa intenzjonat u dagħa frott ta' rabja jew disperazzjoni istantanja, però jibqa' l-fatt li d-dagħa kollu huwa ħażin. Għalkemm id-dagħa kien omnipreżenti f'pajjiżna fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann huwa diffiċli li tgħid jekk din l-arma profana kinitx parti mill-kultura tagħna l-Maltin. Li hu żgur huwa li kemm moralment kif ukoll etikament, din in-nuqqas ta' qima lejn is-Sagru hija kerha u tal-waħx. Mhuwiex il-każ li taħsbu li l-Furjaniżi biss kienu jidgħu, xejn affattu, anzi l-Furjaniżi kienu kuraġġużi biżżejjed li ħaduha kontra d-dagħajja. L-eżempju tagħhom huwa ta' min ifaħħru.

---

[30] Ibid.

*Victoria Jewellers*



*162, St Lucia Street, Valletta Tel: 2122 4058 Fax: 2123 3498*

